# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1125/00**

**Numru 31**

**Nazzareno Bianco**

**vs**

**Raymond Barbara**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm855) oltre l-imghax legali, rapprezentanti tal-prezz ta' vettura tal-marka Ford Escort Saloon bin-numru ta' registrazzjoni GAD 554 skond l-iskrittura privata tat-28 ta' Marzu 2000 (Dok A).

Wara li rat l-anness Dok A a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm855.00,0 bl-imghax legali mit-30 ta' Awissu 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg